EUROPEAN COMMISSION
Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2017/0496/IRL (Ireland)

Taxxa fuq ix-Xorb Magħmul Ħelu biz-Zokkor - Abbozz Finanzjarju 2017, Parti 2, Kapitoli 1.

Data tal-wasla : 23/10/2017
Tmiem tal-Waqfien : Not applicable (closed)
Miżuri Fiskali : Iva

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2017) 02821
Direttiva (UE) 2015/1535
Traduzzjoni tal-messaġġ 001
Notifika: 2017/0496/IRL

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéseket - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - Не се предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201702821.MT)
1. MSG 002 IND 2017 0496 IRL MT 23-10-2017 IRL NOTIF

2. IRL

3A. National Standards Authority of Ireland
1 Swift Square
Northwood
Santry
Dublin 9
D09 A0E4
Ireland
Tel: 00 353 (0)1 807 3854
Email: EUDirective2015.1535@nsai.ie

3B. Department of Finance
Government Buildings
Upper Merrion Street
Dublin 2
Ciaran Conroy
E-mail: ciaran.conroy@finance.gov.ie
Telephone: +353 1 604 5576

4. 2017/0496/IRL - C50A

5. Taxxa fuq ix-Xorb Magħmul Ħelu biz-Zokkor - Abbozz Finanzjarju 2017, Parti 2, Kapitoli 1.

6. It-Taxxa fuq ix-Xorb Magħmul Ħelu biz-Zokkor (SSD) se tapplika għax-xorb ippakkjat minn qabel, ibbażat fuq l-ilma u l-meraq, xorb lest biex jiġi kkunsmat, li fih iz-zokkor miżjud b'kontenut totali ta' zokkor dikkjarat ta' 5 grammi jew aktar għal kull 100 ml.

It-taxxa SSD se tapplika wkoll għal sustanza kkonċentrata ppakkjata minn qabel f'forma likwida jew solida, li fiha z-zokkor miżjud, li teħtieġ preparazzjoni qabel il-konsum mill-konsumatur finali u li, wara tali preparazzjoni, ikollha l-istess karatteristiċi bħax-xorb imsemmi hawn fuq.

Meraq tal-frott pur u prodotti tal-ħalib mhumiex soġġetti għat-taxxa SSD.

7. -

8. It-Taxxa fuq ix-Xorb Magħmul Ħelu biz-Zokkor (SSD) se tapplika għax-xorb ippakkjat minn qabel, ibbażat fuq l-ilma u l-meraq, xorb lest biex jiġi kkunsmat, li fih iz-zokkor miżjud b'kontenut totali ta' zokkor dikkjarat ta' 5 grammi jew aktar għal kull 100 ml.

It-Taxxa SSD se tapplika b'2 rati distinti; ir-rata ta' € 0.20 kull litru għal xorb taxxabbli b'kontenut ta' zokkor iddikkjarat ta' 5 grammi jew aktar iżda anqas minn 8 grammi għal kull 100 ml, u r-rata ta' € 0.30 kull litru għal xorb taxxabbli b'kontenut ta' zokkor dikkjarat ta' 8 grammi jew aktar għal kull 100 ml.

It-taxxa se tapplika għall-prodotti taxxabbli fl-ewwel punt tal-provvista fl-Istat.

9. Id-Dipartiment tas-Saħħa Irlandiż ippropona li t-taxxa fuq ix-xorb magħmul ħelu biz-zokkor għandha tapplika għal xorb ibbażat fuq l-ilma u l-meraq li għandu kontenut ta' zokkor miżjud ta' 5 grammi għal kull 100 millilitru u dak b'kontenut ta' zokkor miżjud ta' 8 grammi għal kull 100 millilitru jew aktar fit-tieni livell.

Billi tispeċifika z-zokkor miżjud, il-proposta tad-Dipartiment tas-Saħħa teskludi l-meraq tal-frott pur b'kontenut taz-zokkor naturali ta' aktar minn 5 grammi għal kull 100ml. Il-proposta teskludi wkoll ix-xorb li jirrinfreska, ix-xorb enerġetiku u x-xorb għall-isportivi li għandu kontenut taz-zokkor aktar baxx minn 5 grammi/100 ml, eż. xorb tad-dieta. Il-proposta teskludi x-xorb kollu tal-ħalib, magħmul ħelu biz-zokkor, kemm b'zokkor li jinsab fin-natura kif ukoll biz-zokkor miżjud.

Raġunament: it-tnaqqis tal-konsum ta' zokkor miżjud fix-xorb.
• L-obeżità fit-tfal hija għolja fl-Irlanda u 60 % tal-adulti għandhom piż żejjed jew huma obeżi. Dan jista' jiġi prevenut u jirrapreżenti waħda mill-ikbar sfidi tas-saħħa pubblika li qed tiffaċċja l-Irlanda llum.
• It-taxxa hija maħsuba biex jitnaqqas il-konsum ta' zokkor fix-xorb minħabba fir-rabta xjentifika stabbilita mal-obeżità u l-mard relatat.
• It-taxxa tiffoka fuq iz-zokkor miżjud b'kuntrast ma' zokkor li jinsab fin-natura li jirrifletti l-għan politiku tal-inkoraġġiment tar-riformulazzjoni ta' prodotti mill-industrija tax-xorb.
• L-istruttura tat-taxxa hija maħsuba biex tagħti inċentiv għar-riformulazzjoni mill-manifatturi tax-xorb li jirrinfreska. L-approċċ f'livelli jipprovdu inċentiv finanzjarju għar-riformulazzjoni li fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal livelli mnaqqsa ta' zokkor miżjud għall-konsumatur aħħari.

10. Ma jeżisti ebda Test Bażiku

11. Le

12. -

13. Le

14. Iva

15. -

16. Aspett OTK

Le - L-abbozz mhuwiex regolament tekniku jew valutazzjoni tal-konformità

Aspett SPS

Le - L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja

****
Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta’ kuntatt (UE) 2015/1535
Fax: +32 229 98043
email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu